MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 42/2002/2

**Victoria Xuereb**

**v.**

**Joseph Refalo, Cikka Refalo u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2004, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Joseph, Evelyn mart Ronnie Spiteri, Miriam, Sharon u Roanna ahwa Refalo minflok Frances sive Cikka Refalo li mietet fil-mori tal-kawza; Evelyn mart Ronnie Spiteri, Miriam Refalo, Sharon Refalo, Roanna Refalo**

**Il-Qorti:**

Din hi kawza fejn qed jintalab li ssir ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi (citazzjoni numru 42/02) deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu 2010. Din il-Qorti tara li in linea preliminari jkun tajjeb li hawnhekk tigi riprodotta s-sentenza intiera li ppubblikat din il-Qorti fid-data msemmija, peress li fiha hemm migbura l-fatti tal-kaz u d-decizjoni li waslet ghal dawn il-proceduri:

**"Il-Qorti:**

**"<u>Preliminari</u>**

"Dan huwa appell ad istanza tal-attrici li permezz tiegħu qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri deċiża fit-23 ta' Ottubru 2007 billi prevja illi tiċħad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati, tilqa' t-talbiet tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

"Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

""Il-Qorti,

""Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet:

""Illi fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed (2001) mietet f'Victoria, Għawdex, Pawla Refalo, xebba, bin il-mejtin Fortun Refalo u Rosa nee` Farrugia;

""Illi l-istess Pawla Refalo kienet għamlet testment fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) li permezz tiegħu fost l-oħrajn kienet innominat bħala eredi universali tagħha lill-esponenti oħtha Victoria armla ta' Emanuel Xuereb;

""Illi fl-istess testment d-decujus Pawla Refalo ddikjarat li kienet qed tħalli lil oħtha Victoria Xuereb bħala eredi

tagħha u dan bħala kumpens għas-serviġi reżi minnha lill-istess Pawla Refalo;

““Illi sussegwentement il-konvenut Joseph Refalo u martu Cikka Refalo ġiegħlu lill-mejta Pawla Refalo sabiex tibdel it-testment tagħha u fil-fatt din kienet imġeghla tagħmel testment ieħor, liema testment sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999);

““Illi permezz ta' dan it-testment ġie revokat it-testment li sar fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza fit-tlieta (3) ta' Novembru, tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) li permezz tiegħu l-esponenti kienet imħollija bħala eredi universali tagħha;

““Illi l-aħħar testment ta' Pawla Refalo sar għaliex hija kienet imġegħla minn ħuha Joseph Refalo u kontra l-volonta' tagħha;

““Illi l-istess testment sar meta Pawla Refalo ma kenitx għadha mentalment stabbli u fil-fatt mal-istess testment lanqas biss hemm ċertifikat tat-tabib;

““Illi minkejja li l-konvenuti ġew interpellati sabiex jersqu biex it-testment li sar minn Pawla Refalo fl-atti tan-Nutar Michael Refalo fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999) jiġi dikjarat null u bla effett, dawn dejjem baqgħu inadempjenti.

““Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex:

““1. Tiddikjara illi t-testment li sar minn Pawla Refalo fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999) fl-atti tan-Nutar Michael Refalo huwa null u bla effett u dan stante illi ma sarx skond il-volonta' tat-testatriċi iżda sar peress li kienet imġegħla mill-konvenuti jew uħud minnhom kif ukoll meta hija ma kenitx mentalment stabbli biex tagħmel testment;

““2. Konsegwentement tiddikjara illi s-suċċessjoni tal-istess Pawla Refalo għandha tiġi regolata

mit-testment li sar minn Pawla Refalo fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (1998) fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza.

““Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nkluż tal-ittra uffiċċjali mingħuta lill-konvenuti fl-4 ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002) u bl-inġunzjoni minn issa għas-subizzjoni.

““Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attriċi minnha kkonfermata bil-ġurament.

““Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

““1. Illi in linea prelimianri, ċ-ċitazzjoni odjerna hija rrita u nulla għaliex mhijiex munita bid-dokumenti neċessarji sabiex isostnuha, u b'mod speċjali ma ġewx esebiti kopja tat-testmenti tad-decujus, ċertifikat tal-mewt tagħha, u riċerki tat-testmenti tagħha; u ammenokke' ma jiġux ippreżentati dawn id-dokumenti, l-esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

““2. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt. Pawla Refalo addivjeniet għat-testment fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-ħdax (11) ta' Mejju elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999), minn jeddha, sua sponte, u mingħajr ebda element ta' pressjoni jew 'ġegħil' mill-esponenti jew xi ħadd minnhom. Assolutament mhuwiex minnu illi dan it-testment sar kontra l-volonta' tagħha.

““3. Hekk ukoll Pawla Refalo kienet qabel it-testment, fl-epoka meta sar it-testment u anke wara li sar it-testment kompletament fil-pussess tal-poteri mentali tagħha, u hija ħrafa u malafama ili l-attriċi tiġi tgħid mingħajr ebda bażi fattwali illi meta sar it-testment Pawla Refalo ma kienetx għadha mentalement stabbli.

““4. Id-dikjarazzjoni illi 'ma’ l-istess testment lanqas biss hemm ċertifikat tat-tabib', imbagħad, hija waħda fatwa għall-ahhar. Imkien fil-liġi ma jeżisti xi rekwiżit illi sabiex bniedem jagħmel testment tiegħu jrid

ikun hemm anness ċertifikat tat-tabib. Dan huwa element imħolli interament fid-diskrezzjoni tat-testatur innifsu u tan-Nutar illi jirċevi t-testment, u l-fatt illi n-Nutar Michael Refalo ma ħassx il-ħtieġa illi jinsisti għall-produzzjoni ta' ċertifikat mediku jkomp0li jikkonferma kemm Pawla Refalo kienet f'sensiha u taf x'kienet qed tagħmel meta għamlet it-testment.

““5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

““Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti maħlufa minn Joseph Refalo

““Rat il-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

““Rat in-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

““Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

““Ikkunsidrat:

““Illi permezz ta’ din il-kawża l-attriċi qegħda tipprova takkwista deċiżjoni ta’ nullita` tal-aħħar testment magħmul minn oħtha Paola xebba Refalo, in atti Nutar Dottor Michael Refalo tal-11 ta’ Mejju 1999,[1] u dan minħabba allegata infermita` mentali tat-testatriċi, u vjolenza morali eżerċitata fuqha mill-konvenuti, l-benefiċjarji ta’ dan it-testment. Naturalment il-vjolenza morali u l-inkapaċita` mentali bħala żewġ raġunijiet għall-invalidita` ta’ testment ma jistgħux jissussistu flimkien, għax jew it-testatriċi kienet kapaċi tagħmel testment, imma ġiet mħedda jew imbeżża' biex tiffavorixxi lil xi ħadd a skapitu ta’ ħadd ieħor, inkella ma kienitx kapaċi xejn għax milquta minn infermita` mentali.

““Qabel xejn pero` irid jingħad illi l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar in-nullita` taċ-ċitazzjoni, għaliex mhix munita bid-dokumenti neċessarji sabiex isostnuha, ġiet

[1] Dok. E a fol. 27 - 28 tal-process.

irtirata wara li l-attriċi ppreżentat it-testmenti in kwistjoni u r-riċerki relattivi[2].

““Niġu issa għalhekk għall-mertu. Irriżulta illi d-*decujus* Paola Refalo, kienet tiġi oħt xebba tal-attriċi u tal-konvenut Joseph Refalo. Ħadmet bħala *nurse* fl-isptar ta' Lazzaret, Malta, fejn għexet għal għoxrin sena sħaħ. Hija kienet toqgħod il-Gzira u l-attriċi tas-Sliema. L-attriċi tgħid illi kellha relazzjoni tajba ħafna ma' oħtha, u ta' spiss kienu jinvistaw lil xulxin. Kellha żewġ ħutha bniet oħra jirrisjedu Malta wkoll, imma lil dawn ma tantx kienet tfittixhom. Fl-1980 id-decujus irritornat Għawdex. Għamlet xi żmien tirrisjedi Marsalforn sakemm tlestiet id-dar il-ġdida tagħha fir-Rabat, fejn imbagħad baqgħet tgħix sa l-aħħar. L-attriċi tinsisti illi, minkejja li oħtha ttrasferiet ruħha għal Għawdex, ir-relazzjonijiet ta' bejniethom baqgħu *close* ħafna, u kull meta kellha bżonn xi ħaġa, Paola dejjem fittxet lilha. Tant hu hekk illi kienet tirranġalha għall-visiti Malta għand it-tobba jew l-isptar, u kienet anke takkumpanjaha l-Qorti ta' Għawdex meta kien imissha tattendi għall-kawża li kienet fetħet kontra l-inkwilin tas-*supermarket* li kien hemm taħt ir-residenza tagħha. Fit-3 ta' Novembru 1998 kienet wasslitha għand in-Nutar Victor Bisazza il-Belt, Valletta, fejn ġie redatt testment li in forza tiegħu id-*decujus* innominat lill-attriċi bħala eredi universali tagħha, "*billi din għamlet ħafna magħha u anke ipprestatilha serviġi fil-bżonnijiet tagħha.*" [3]

““Ġara pero` illi għall-ħabta tal-Milied ta' dik l-istess sena, Paola spiċċat mingħajr *helper* minn dawk li kien jipprovdi l-Gvern lill-anzjani (skond il-konvenuti, dan ġara għax tant kienet fitta fil-faċendi, li ħadd ma ried ikompli magħha), u allura offrew li jmorru jaqduha l-konvenuti, u d-*decujus* aċċettat. Imbagħad fil-11 ta' Mejju 1999, il-konvenuti Joseph u Frances konjuġi Refalo akkumpanjaw lil Paola Refalo għand in-Nutar Michael Refalo, li rrediġa testment ieħor, fejn id-*decujus*, wara li rrevokat kull testment preċedenti li segħtet għamlet, ħalliet id-dar tagħha u s-*supermarket* sottostanti b'titolu ta' legat lill-konvenuta

---

[2] ara verbal tal-konvenuti fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2003..
[3] Ara kopja tat-testment relattiv, Dok. D a fol. 25 - 26 .

Roanna Refalo, il-bint iż-żgħira tal-konjuġi Refalo, u nnominat bħala eredi tagħha lill-konvenuti kollha[4]. Dan kien l-aħħar testment li d-*decujus* laħqet għamlet,[5] u għalhekk jekk jintlaqgħu t-talbiet attriċi, jiġi li jkollu effett it-testment preċedenti ta' Paola Refalo, li bih kienet ġiet ibbenefikata unikament l-attriċi.

""L-attriċi qed tittenta twaqqa' l-aħħar testment tad-*decujus* għal żewġ raġunijiet: l-allegata inkapaċita` mentali tad-decujus, u l-vjolenza morali allegatament adoperata mill-konvenuti biex jikkonvinċuha tbiddel ir-rieda tagħha u tħalli kollox lilhom. Kif ġia ntqal, dawn ir-raġunijiet għaliex testment jista' jiġi annullat, ma jistgħux jissussistu flimkien, imma kwalunkwe waħda minnhom, jekk tiġi ppruvata, twassal biex jintlaqgħu t-talbiet attriċi.

""1. **L-inkapaċita` mentali.**

""L-artiklu 597 tal-Kodiċi Ċivili tagħna jelenka l-persuni li huma inkapaċi li jiddisponu b'testment, u l-artikolu 599 jagħmilha ċara illi "***testmenti magħmulin minn persuni inkapaċi huma nulli, ukoll jekk l-inkapaċita` tat-testatur tispiċċa qabel il-mewt tiegħu.***"

""Dwar iż-żmien rilevanti għall-prova ta' din l-inkapaċita` d-dottrina tgħallem illi:

"""*Se senz'essere alienato, il testatore si trovava nell'impossibilita` di manifestare il proprio volere, bisogna naturalmente che l'attore provi che la causa che gl'impediva di manifestare la sua volonta' esisteva nel momento dell'atto*." [6]

""F'Appell minn sentenza mogħtija minn din il-Qorti, fejn il-validita` ta' testment kienet qed tiġi kontestata *inter alia* fuq din ir-raġuni wkoll, kienu ġew elenkati l-prinċipji legali stabiliti mill-ġurisprudenza f'dan ir-rigward:

[4] ara kopja ta' dan it-testment esebit bħala Dok. E a fol. 27 - 28.
[5] ara riċerki testamentarji tad-decujus esebiti bħala Dokti. B u C a fol. 20 – 24.
[6] Laurant: Prinċipii di Diritto Civile; vol. XI. para 139 pag. 144.

*““(i) Il-kapaċita` li persuna tiddisponi minn ħwejjiġha permezz ta' testment hija preżunta;*

*““(ii) Biex wieħed jiddisponi minn ħwejjġu mhijiex meħtieġa* ***"una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cio' che si fa … basta che chi dispone per testamento sia fornito di sufficiente percezione, raziocinio o memoria ondesia capace di determinazione e di volonta' ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose…****";*

*““(iii) Il-prova tal-inkapaċita` tispetta lil min jallegaha. Tali prova trid tkun "***piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dell'atto che compiva, ne' volonta' propria***";*

*““(iv) Fattur determinanti sabiex tiġi stabilita s-sanita` mentali hija r-ragjonevolezza tad-dispożizzjonijiet kontenuti fit-testment. Għandhom ukoll rilevanza qawwija d-depożizzjonijiet ta' nies professjonali bħal tabib kuranti tat-testatriċi u n-nutar li jikkonfezzjona t-testment dwar l-istat u l-komportament tat-testatriċi fiż-żmien rilevanti."* [7]

““Fil-każ in eżami l-provi li ttentat tressaq l-attriċi f'dan ir-rigward kienu pjuttost dgħajfa. Hija tallega illi d-*decujus* kienet bdiet tħawwad, billi per eżempju kienet insiet li l-attriċi kienet qaltilha illi sejra ssiefer l-Awstralja biex tara lil binha. Kienet insiet ukoll kemm kienet għamlet magħha qabel ma bdew iduru biha l-konvenuti. Fiżikament it-testatriċi kienet saret debboli ħafna fl-aħħar snin ta' ħajjitha, tant li ma setgħetx iżżomm sewwa fuq saqajha, u kemm-il darba waqgħet u ħabtet u weġġgħet rasha. L-attriċi għalhekk ippruvat ukoll tiġbed konklużjonijiet favur l-inkapaċita` mentali tad-*decujus* mill-fatt li mir-*records* mediċi tagħha rriżulta li din kienet iddaħħlet l-isptar tbati fost oħrajn minn uħiegh f'rasha, u li mis-CT *brain scan* li sarilha, rriżulta li kellha "*age related loss of brain substance*". Imma mistoqsija jekk dan jistax jaffettwa l-

[7] Appell 1.7.2002: Joseph Galea pro et noe. vs Maria Camilleri:.

memorja, t-tabiba tal-isptar Generali ta' Għawdex, Dr. Josette Rapa wieġbet: "*Meta jkollok age related loss of brain substance jista' jibda jkun hemm xi imparment; jiġifieri possibbli*". B'daqshekk pero` ma jfissirx illi bilfors hekk ġara f'dan il-każ partikolari. Kif lanqas ma tista' tinġibed ebda konklużjoni mill-fatt illi t-testment in kwistjoni tad-*decujus* ma kienx akkumpanjat minn ċertifikat mediku, bħal ma donnha qed tippretendi l-attriċi. Huwa minnu illi l-eżistenza ta' ċertifikat bħala dan jista' jsaħħaħ il-prova favur il-kapaċita` mentali tat-testatur, imma n-nuqqas tiegħu ma jfissirx illi ma kienx hemm dik il-kapaċita`.

““Żgur għalhekk illi l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova sodisfaċentement illi Paola Refalo kienet nieqsa mill-fakultajiet mentali tagħha fil-mument meta għamlet dan it-testment, u li f'temp ta' sitt xhur minn meta għamlet iż-żewġ testmenti in kwistjoni, l-fakoltajiet mentali tagħha tant kienu ddeterjoraw illi ma kienitx għadha taf x'inhi tagħmel.

““**Il-vjolenza morali.**

““Il-vjolenza bħala att li jinfiċċja l-kunsens hi trattata fl-artikoli 974 et seq tal-Kodiċi Ċivili.

““Dwar il-vjolenza bħala vizzju tal-kunsens tat-testatur il-**Furgole** iċċitat fil-Laurant josserva illi: " … *non si esige un timore capace di influire sopra un uomo vigoroso; basta che i fatti sieno tali da poterne dedurre che il testatore non abbia disposto di sua piena volonta', o che la violenza produsse un costringimento capace di obbligare it testatore a fare quello che non avrebbe voluto*." (cap. V, sez. IV, nn 4 e 2). [8]

““Ingħad fil-ġurisprudenza dwar il-vjolenza morali bħala vizzju tal-kunsens illi:

““*Biex il-vjolenza morali tikkostitwixxi vizju tal-kunsens li jwassal għan-nullita` tal-kuntratt, hemm bżonn li dik il-vjolenza tkun il-kawża determinanti tal-kuntratt li u li l-*

[8] op. cit. para. 129 pag. 132.

*kunsens ikun il-frott tal-vjolenza eżerċitata biex jiġi ottenut il-kunsens, u mhux biex jiġi ottenut skop divers, u trid tkun ukoll l-opera tal-persuna li eżerċitata biex tottjeni dak il-kunsens*."[9]

““Hekk ukoll: "*Biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li tkun determinanti, inġusta u gravi u tali li tagħmel impressjoni fuq persuna raġonevoli u li tiġġenera l-biża li tesponi inġustament lill-persuna tagħha jew il-ġid tagħha għal dannu gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indaġini li hija mħollija interament fil-prudenza tal-ġudikant*."[10]

““Fil-każ tagħna l-attriċi tallega illi malli ħuha l-konvenut sar jaf li oħtu Paola kienet għamlet it-testment fejn ħallitilha ġidha kollu, ried jagħmel minn kollox biex jikkonvinċiha tbiddlu u minflok tibbenefika lilu. Hija għalhekk tikkontendi illi fejn qabel ftit li xejn kien jagħti kasha, issa l-konvenut ra kif għamel biex beda jindieħes mad-*decujus*, u offrilha li jibda jdur biha, basta tħallilu kollox. Għal dan il-fini, tkompli tallega l-attriċi, ħadha għand in-nutar tiegħu, u fil-preżenza tiegħu u ta' martu, ġiegħla tirrevoka t-testment preċedenti tagħha u tagħmel ieħor. Tant kien kollox ippjanat, issostni l-attriċi, li anke t-tfal tal-konjuġi Refalo kienu jafu minn qabel li kienu ser jibbenefikaw mit-testment tad-deċujus. Fid-depożizzjoni tagħha l-attriċi ssostni illi oħtha Paola kienet iktar minn darba stqarret magħha illi kienet ġiet imġegħelha tagħmel dan it-testment minn ħuha l-konvenut, u li x-xewqa tagħha issa li kienet sabet lill-konvenuti biex iduru biha, kien illi taqsam ġidha bejn l-attriċi u l-konvenuti. Dan kollu ġie miċħud mill-konvenuti, li da parti tagħhom spjegaw kif kien ilhom iduru bid-*decujus* minn żmien qabel ma għamlet dan it-testment tagħha, u kif darba minnhom kienet sejħitilhom hi stess biex tfissrilhom kif kienet imħassba għaliex rrealiżżat li għamlet żball meta ħalliet ġidha kollu lill-attriċi, meta issa kienet qed issib lilhom biex iduru biha. Għalhekk kienet talbithom biex isibulha nutar ħalli tbiddel it-testment tagħha biex minflok taħseb fihom.

[9] Edgar G. Soler noe. Vs H.H. Sir David Campbell noe. vol. XXXIII p. II. pp 431
[10] Rosaria Bartolo vs Giovanni Bartolo -vol. XXIX, Pt. II pp. 749.

““B'daqshekk pero` ma ġiet ippruvata l-ebda vjolenza morali da parti tal-konvenuti li biha wieħed jista' jgħid illi t-testatriċi tant ħassitha mħeddha illi beżgħet illi, jekk ma tagħmilx dak li kienu qed jgħidulha l-konvenuti, kien ser jiġrilha xi ħaġa gravi. In-Nutar Refalo spjega kif huwa ma ra xejn stramb fil-komportament tat-testatriċi, u li kieku kellu l-iċken suspett illi kien hemm xi ħaġa mhux sewwa ma kienx ser jipproċedi bil-pubblikazzjoni tat-testment. Is-segretarja tiegħu, li kienet waħda mix-xhieda, ukoll ikkonfemat li ma rat xejn stramb fl-imġieba tat-testatriċi. Jista' jkun minnu illi l-konvenuti, xi ftit jew wisq, użaw l-influwenza tagħhom fuq id-*decujus* biex jikkonvinċuha tiffavorixxi lilhom minħabba s-servizzi li kienu qed jirrendulha, imma kif ikompli jispjega l-**Furgole**, iċċitat għal darb'oħra mil-Laurant:

“"*I libri dei romani, egli dice, sono ripieni di esempi che ci mostrano mezzi piu' o meno disonesti adoperati per carpire delle liberalita`, come affettazione di rendere dei servigi, i doni, le assiduita`, le compiacenze, le amicizie finte ed altre vie oblique disapprovate da quanti si vantavano onesti; le liberalita` cosi' ottenute non vennero mai annulate; al contrario essi si trovano confermate lodevoli perche' ispirati, ad una ragione di sordido interesse; tuttavia non son illeciti, perche' non hanno stretta relazione col dolo e colla frode; ora non bisogna perdere di vista che il dolo soltanto puo' fare della captazione una causa di nullita`. Lo stesso e' a dirsi della suggestione, essa non e' che una persuasione, un ispirazione, un consiglio. Fintanto che il sollecitare si limita a blandizie, a servigi, a preghiere, fossero anche importune, la volonta' del disponente resta cio' non pertanto libera; solo la menzogna e la frode corrompono l'animo e viziano la volonta'* " (cap. V. sez. III. nn. 15, 25, 26, 36).[11]

““Għaldaqstant, u peress illi ma rriżultax sodisfaċentement, anke fid-dawl tad-dottrina u ġurisprudenza hawn ikkwotata, illi l-attriċi rnexxielha

[11] Laurant: op. cit. para. 135.

tipprova fil-grad ta' ċertezza rikjesta mill-liġi, li t-testment kontestat ta' Paola Refalo kien effett bi vjolenza morali jew li d-decujus ma kienitx mentalment stabbli biex tagħmel dan it-testment, fil-mument li attwalment ġie redatt l-istess testment, it-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu.

““Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fuq il-mertu, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.”

**“<u>Ir-rikors tal-appell tal-attrici Victoria Xuereb</u>**

“L-attrici ħasset ruħha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u interponiet appell minnha.

“L-aggravju tagħha jikkonsisti in essenza fil-fatt li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-każ, l-ewwel Qorti kienet manifestament żbaljata fl-apprezzament tagħha tal-provi prodotti, tant illi ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li fil-fatt waslet għaliha. L-appellanti ssostni li t-testment magħmul minn Paola Refalo kien vizzjat billi d-*decuius* kienet qed taġixxi taħt vjolenza morali u konsegwentement it-testment mhux espressjoni tal-volonta` tagħha.

“Fost il-punti li ssemmi fl-appell voluminuż tagħha biex tipprova li d-*decuius* kienet taħt pressjoni u vjolenza morali, l-attrici appellanti taccenna għall-fatt li r-redazzjoni tat-testment tal-11 ta’ Mejju 1999 saret fil-preżenza tal-istess konvenut u ta’ martu, fatt li fil-fehma tagħha juri l-*mala fede* da parti tagħhom u wkoll il-pressjoni li tefgħu fuq id-*decuius* sabiex tibdel it-testment b’mod li jkun favorevoli għalihom.

“L-appellanti ssemmi wkoll li matul ħajjitha sa ftit qabel ma mietet id-*decuius* ma kellhiex xi relazzjoni stretta mal-konvenuti u saħansitra xi drabi wkoll kellha xi tgħid magħhom. Min-naħa l-oħra hija (l-attrici appellanti) issostni li minn dejjem kellha relazzjoni tajba mad-*decuius* u anke meta din marret tgħix Għawdex żammew kuntatt kostanti u kienet titla’ Għawdex taqdiha f’dak kollu li kellha bżonn. Iżżid tgħid li meta wieħed jikkonsidra relazzjoni

daqshekk stretta bejnha u bejn id-*decuius* wieħed ma jissorprendix ruħu li fit-testment li għamlet Paola Refalo fit-3 ta' Novembru 1998 hija kienet ħalliet ġidha kollu lilha.

"Għalhekk l-appellanti tistaqsi: kif setgħet l-ewwel Qorti tispjega l-fatt li d-*decuius* fi żmien hekk qasir ta' sitt xhur biddlet is-sitwazzjoni daqshekk radikalment b'mod li eliminat lil oħtha tant għażiża għaliha mit-testment? Hija ssostni li l-intenzjoni tad-*decuius* ma kinitx li taqta` lill-appellanti barra għal kollox mit-testment iżda sempliciment li tħalli xi ħaġa lill-appellati sabiex tirregalahom talli ħadu ħsiebha meta xjaħet.

"Skond l-appellanti l-provi prodotti juru bic-car li kienu l-appellati li ppjanaw u ddettaw x' kien se jiġri mis-successjoni ta' Paola Refalo u mhux l-istess testatrici. Fil-fehma tal-appellanti l-provi juru li t-testment ma nbidilx b'għażla libera tal-istess Paola Refalo. Hija tilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi li ma jippuntawx mod ieħor ħlief li t-testatrici rrevokat it-testment ta' l-1998 peress li kienet imġiegħla mill-appellati u għal ebda raġuni immaġinabbli oħra. Tippretendi wkoll li bħala konsegwenza tal-allegata vjolenza morali u pressjoni li l-konvenuti eżercitaw fuq Paola Refalo, mhux biss għandha tiġi ddikjarata n-nullita` tat-testment iżda għandu jsegwi wkoll li l-appellati mhux denji li jircievu taħt it-testment kif stipulat taħt l-Artikolu 605.

"Fir-rigward tal-grad ta' prova rikjest mil-liġi, l-appellanti targumenta li dan mhux rigoruż daqs kemm iddikjarat l-ewwel Qorti. Tgħid li wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li għalkemm ir-revoka ta' testment hija xi ħaġa serja, il-livell tal-prova mhux oneruż daqs dak rikjest fil-kamp kriminali.

"L-appellanti tibqa' ssostni li t-testment ma kienx espressjoni tal-intenzjoni tad-*decuius*, iżda riżultat ta' pressjoni u influwenza da parti tal-appellati, u li kieku ma kienx għall-intervent tagħhom żgur li ma kinitx tagħmel testment b'dak il-mod. Għalhekk, tkompli tgħid, jirriżulta l-element ta' *dolo*.

“**Risposta tal-appell tal-konvenut Joseph Refalo** (u fil-verbal tas-7 ta’ Dicembru 2009, Dr Carmelo Galea għall-konvenuti appellati kollha iddikjara li l-konvenuti appellati kollha qed jassocjaw ruħhom mar-risposta ta’ Joseph Refalo).

“Il-konvenut Joseph Refalo wieġeb sabiex juri għaliex l-appell interpost mill-attrici għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal-ewwel Qorti kkonfermata. Huwa fl-ewwel lok jirrileva illi l-element ġdid li daħħlet l-attrici fir-rikors tal-appell tagħha, u cioe` li l-appellati mhux denji u bħala tali inkapaci li jircievu b’testment skond l-Artikolu 605 tal-Kodici Civili, huwa barra minn loku għaliex imur oltre l-premessi tac-citazzjoni.

“Josserva wkoll illi filwaqt li l-appellanti nħliet ticcita brani twal mix-xhieda mogħtija minnha stess u mill-konvenuti, skartat u injorat kompletament ix-xhieda tan-nutar Michael Refalo u taż-żewġ xhieda li attendew għar-redazzjoni tat-testment in kwistjoni. Huwa jiccita brani mix-xhieda tan-Nutar u ta’ Pat Curmi li jikkonfermaw illi Paola Refalo kienet taf eżattament x’qegħda tagħmel meta għamlet it-testment, u li dan għamlitu bil-volonta` tagħha, mingħajr ebda forma ta’ pressjoni. Jgħid ukoll illi l-fatt li snin qabel ir-redazzjoni tat-testment Paola Refalo kienet “close” tal-attrici u l-familija tagħha xejn ma jbiddel mill-fatt li meta sar it-testment, hija ddecidiet, *sua sponte*, li tinnomina bħala eredi universali lill-familja tiegħu u mhux tal-attrici.

“Dwar il-kwistjoni tal-kapacita` mentali tat-testatrici, l-appellat jirreferi għas-CT scan li kien sar fuq moħħha minn fejn kien irriżulta li kien hemm “age related loss of brain substance” u li skond ix-xhud Dr. Josette Rapa din hija ħaġa normali fix-xjuħ u li ma hemm xejn fil-“file” relattiv li juri li fil-każ ta’ Paola Refalo kien hemm xi ħaġa iktar serja min-normal. Jirreferi wkoll għax-xhieda ta’ Fay Langley, xhud li kkonfermat kemm Paola Refalo kienet lucida u f’sensiha fis-sena 2000.

“L-appellat jirreferi wkoll għan-nota ta’ sottomissjonijet tal-konvenuti quddiem l-ewwel Qorti.

**“Sfond tal-kawża**

“L-attrici appellanti Victoria Xuereb u l-konvenut appellat Joseph Refalo jiġu ħut il-mejta Paola Refalo. L-attrici toqgħod Malta u l-konvenut u l-familja tiegħu joqgħodu Għawdex. Paola Refalo għexet Malta għal għoxrin sena (mill-1960 sa l-1980) meta kienet taħdem bħala *nurse*, imbagħad fl-1980 hija rritornat Għawdex u baqgħet hemm sakemm mietet fl-2001. L-attrici tinsisti li hi u oħtha Paola kienu “*close*” ħafna u minkejja li fl-1980 marret toqgħod Għawdex “*konna close xorta*”. Hija spjegat li kienet anke tmur għal oħtha Għawdex u takkompanjaha Malta meta kien ikollha l-viżiti għand it-tabib, u kienet ukoll takkompanjaha l-Qorti ta’ Għawdex fir-rigward tal-kawża li kellha mas-“supermarket” ta’ taħtha. Fit-3 ta’ Novembru 1998, jiġifieri tmintax-il sena wara li kienet telqet minn Malta u marret toqgħod Għawdex, Paola Refalo għamlet testment u fih innominat lill-attrici bħala l-eredi universali tal-ġid tagħha.

“Ġara mbagħad li għall-ħabta tal-Milied tal-1998 l-istess Paola Refalo sfat mingħajr *helper* tal-Gvern, u għalhekk il-konvenuta Frances (Cikka) Refalo (mart Joseph, li mietet fil-mori tal-kawża) u l-konvenuta Roanna Refalo (bint Joseph) kienu offrew li jgħinuha huma u hi accettat. Ftit xhur wara, fil-11 ta’ Mejju 1999, Paola Refalo għamlet testment ieħor li permezz tiegħu ħassret kull testment precedenti li setgħet għamlet, ħalliet b’titolu ta’ legat lil Roanna Refalo d-dar tagħha tar-Rabat u l-ħanut sottostanti, u nnominat bħala eredi tagħha lill-konvenuti kollha (jigifieri l-konjuġi Joseph u Frances Refalo kwinta parti bejniethom, u l-erbat ibniet tagħhom Evelyn, Miriam, Sharon u Roanna, kwint indiviż kull waħda.)

**“Kunsiderazzjonijiet ta’ Din il-Qorti:**

“L-attrici intavolat din il-kawża sabiex twaqqa’ dan l-aħħar testment tal-11 ta’ Mejju 1999 biex b’hekk ikollu effett it-testment precedenti tat-3 ta’ Novembru 1998 li permezz tiegħu tibbenifika unikament l-istess attrici. Hija allegat (1) l-inkapacita` mentali ta’ Paola Refalo kif ukoll (2) il-

vjolenza morali allegatament adoperata mill-konvenuti sabiex hija tħalli kollox lilhom. L-ewwel Qorti rriteniet li l-inkapacita` mentali u l-vjolenza morali bħala raġunjiet għall-invalidita` ma jistgħux jissussistu flimkien għaliex jew l-attrici kienet kapaci tagħmel testment imma ġiet mhedda jew imbeżża' biex tiffavorixxi lil xi ħadd flok lil xi ħadd ieħor, jew inkella ma kienet kapaci xejn għax milquta minn infermita` mentali.

"Dwar l-allegata inkapacita` mentali, l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-attrici ma rnexxilhiex tipprova li Paola Refalo kienet nieqsa mill-fakoltajiet mentali tagħha fil-mument meta għamlet it-testment tal-11 ta' Mejju 1999 u li f'temp ta' sitt xhur biss minn meta għamlet it-testment tat-3 ta' Novembru 1998 il-fakoltajiet tagħha kienu tant iddeterjoraw li ma kinitx għadha taf x'inhi tagħmel. Dwar l-allegata vjolenza morali l-ewwel Qorti, fid-dawl tad-dottrina u ġurispudenza kkwotata minnha u wkoll il-provi prodotti, irriteniet li għalkemm jista' jkun minnu li l-konvenuti xi ftit jew wisq influwenzaw lil Paola Refalo biex tiffavorixxihom minħabba s-servizzi li kienu qed jirrendulha, l-attrici ma ppruvatx li t-testment tal-11 ta' Mejju 1999 kien effett bi vjolenza morali fil-grad ta' certezza rikjesta mil-liġi.

"L-attrici ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u dehrilha li l-ewwel Qorti kienet żbaljata fl-apprezzament tagħha tal-provi tant li ma setgħetx raġjonevolment tikkonkludi li t-testment tal-11 ta' Mejju 1999 ma kienx vizzjat. Dwar l-inkapacita` mentali allegata minnha fic-citazzjoni ma ssemmi xejn fir-rikors tal-appell tagħha, iżda tibqa' tinsisti li kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, Paola Refalo għamlet it-testment waqt li kienet qed taġixxi taħt vjolenza morali u konsegwentement l-istess testment m'huwiex espressjoni tal-volonta` tagħha.

"Din il-Qorti hija ggwidata bil-principju, ormai ben assodat, li bħala Qorti ta' reviżjoni, bħala regola m'għandhiex tiddisturba leggerment id-diskrezzjoni eżercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun għamlet tal-provi miġbura minnha stess. Wara li fliet u eżaminat bir-reqqa kollha l-provi miġbura, din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha

tikkondividi l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti, u cioe` li t-testment ta' Paola Refalo huwa fil-fatt espressjoni tal-volonta` tagħha. Din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet f'dan ir-rigward:

"(i) Jirriżulta li Paola Refalo, ftit xhur wara li għamlet it-testment ta' Novembru 1998 iddecidiet li tagħmel testment ieħor. L-attrici stess xehdet li darba minnhom Paola Refalo kienet qaltilha "*Isma', ġie Joseph Refalo u l-mara tiegħu u jridu jibgħatuli t-tifla biex tieħu ħsiebi…Jiena rrid nibdel it-testment u nħallilha xi ħaġa*". Dan kien xi żmien wara li l-familja ta' ħuha Joseph kienu bdew iduru biha wara li hija sfat mingħajr *helpers* mibgħuta mill-Gvern għall-ħabta ta' Dicembru 1998.

"(ii) Il-konvenut Joseph Refalo jikkonferma dan. Huwa xehed li darba minnhom meta kien mar għandha bl-ikel Paola Refalo qaltlu li riedet tkellem lilu u lil martu. Meta marru qaltilhom li ddispjaciha li ħalliet kollox lill-attrici u xtaqet li tħalli kollox lilhom minflok. "*Morna nkellmuha u hi bdiet tibki u qaltli 'Jiena għamilt żball għax għamilt testment u ħallejt kollox lil Vitorina. Lil Vitorina m'inix insibha u mhix tgħinni u nixtieq li nħalli kollox lilkom.' …..Hi qaltli biex insibilha nutar biex tbiddel it-testment. Pero` jien kont għidtilha biex tmur għand nutar illi tagħżel hi. Xi jumejn wara ħadniha, fuq struzzjonijiet tagħha stess, għand in-nutar Michael Refalo biex tagħmel testment ġdid. Fuq insistenza ta' Pawla aħna dħalna magħha għand in-nutar."* Ikompli jgħid li dak in-nhar stess meta binthom Roanna ġiet mix-xogħol Paola Refalo qaltiliha li "*d-dar tiegħek, dik tiegħek biss u m'hu ħa jmisshielek ħadd, u l-flus qassamthomlkom bejnietkom l-aħwa u l-ġenituri tagħkom għaliex jien lilkom qed insib*."

"(iii) Mart il-konvenut, Frances Refalo, tikkorrobora din ix-xhieda ta' żewġha: "*X' ħin morna hi bdiet tgħid li kienet għamlet żball u bdiet tibki. Jiena kont għidtilha li ta' din id-dinja kollox jitranġa u tlabtha tgħidilna x' ġara. Hi qalet li kienet għamlet testment u kienet kitbet kollox lil oħtha Vitorina (l-attrici) u issa riedet tibdlu fuqna għax lilna kienet qed issib għall-għajnuna u mhux lil Vitorina.*" Tispjega li fuq insistenza tagħha ħaduha għand

in-nutar xi jumejn wara "*u għamlet it-testment kif riedet hi mingħajr ħadd ma indaħlilha*". Hija xehdet ukoll li l-kliem li kienet qalet lil Roanna meta din waslet mix-xogħol, u cioe` li d-dar hija tagħha u tagħha biss, għadhom jidwu f' widnejha.

"(iv) Roanna Refalo, bint Joseph u Frances Refalo, ukoll tikkonferma dan id-diskors: *"…x' ħin irritornajt mix-xogħol sibt liz-zija Paola d-dar tagħna. Kienet tistennieni. Bdiet tgħannaqni u tibki u filwaqt li qaltli 'Roanna d-dar tiegħek u tiegħek biss' jien emozzjonajt ruħi u bdjet nibki u nirringrazzjaha tal-ġest li għamlet miegħi. Qaltli li bħala filjozza tagħha tixraqli li jkolli l-ikbar tifkira tagħha. Il-flus qaltli li kellhom jinqasmu bejnietna l-erba aħwa u l-ġenituri tagħna".*

"(v) Rita Refalo, li tiġi oħt Paola Refalo, xehdet ukoll illi Paola Refalo kellha ħafna kliem ta' tifħir għall-familjia ta' ħuha Joseph. "*Kull meta konna nitkellmu dejjem kienet tfaħħarhom u qatt ma gergret miegħi dwarhom. Hi qaltli li hi kienet għamlet testment u qassmet il-proprjeta` tagħha lill-familija ta' Frances. Dan it-testment għamlitu qabel ma waqgħet u ħabtet rasha. Jiena għidtilha li għamlet sewwa għaliex dejjem lilhom sabet min idur biha, kemm qabel ma kienet bedridden kif ukoll wara*."

"(vi) L-attrici xehdet li dak in-nhar li Paola Refalo qaltilha li riedet tibdel it-testment hija qaltilha "*Ara ma tmurx ma tħallili xejn ta! Ħallili mqar nofs.*" Xehdet li qaltilha "*Ħalli d-dar lilu u lili ħallili l-flus u s-supermarket*" u li Paola Refalo qablet magħha u rrispondietha: "*Mela hekk, iva*". L-attrici mbagħad spjegat li wara li Paola Refalo għamlet it-testment tal-11 ta' Mejju 1999 cemplitilha u infurmatha li ma ħallitilha xejn. Xehdet li dak il-ħin qabdu jilletikaw u hija (l-attrici) qatgħetilha t-"telephone". Dan kollu l-attrici ovvjament xehditu sabiex tipprova turi li t-testment li għamlet Paola Refalo f'Mejju 1999 ma kienx jirrispekkja l-"volonta`" tagħha, iżda din il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tirrimarkax li l-attrici stess, li qegħda tallega li l-konvenuti għamlu tant pressjoni fuq Paola Refalo sabiex tiffavorixxihom, ma tantx qagħdet lura

milli tippressa u tiddetta lil oħtha x'għandha tagħmel b'ġidha. Jirriżulta wkoll li saħansitra wara li saret taf bil-bdil tat-testment hija stess bagħtet lil certu William Cassar Torregiani (espert tekniku f'kawża li Paola Refalo kellha kontra terza persuna fil-Qorti t'Għawdex) "*biex imur ikellimha biex iġiegħelha tibdel il-fehma tagħha*". Għalhekk huwa dibattibbli kemm dak li ppretendiet l-attrici u cioe` li Paola Refalo tħallilha l-flus u s-"supermarket" kien fil-fatt il-volonta` ta' Paola Refalo innifisha.

"(vii) Di piu` jirriżulta li meta Paola Refalo kienet baqgħet iccempel lill-attrici wara li biddlet it-testment l-istess attrici xehdet li kienet qaltiliha "*Kemm inti tosta, xorta għadek iccempilli, allavolja ma ħallejtuli xejn*". Xehdet ukoll li wara li nbidel it-testment ratha darba biss: "*Jiena rajtha darba għax ridt ngħidilha xi ħaġa privata. Tlajt kwarta darba u erġajt ħriġt niġri 'l barra minn għandha. Mill-bqija jien imbagħad qatt ma rajtha*." Jidher għalhekk li l-"*closeness*" u r-"*relazzjoni daqshekk stretta*" bejn l-attrici u Paola Refalo malajr spiccaw u, sfortunatament, inbiddlu f'ostilita` da parti tal-attrici hekk kif l-istess attrici saret taf li ma kienet ser tiret xejn. Ir-relazzjoni ta' bejniethom fil-fatt iddeterjorat konsiderevolment minn meta l-attrici saret taf bl-aħħar testment sakemm Paola Refalo mietet. Ovvjament dan huwa rrilevanti għall-mertu tal-kaz in kwistjoni peress li dak li għandu jiġi stabbilit għall-finijiet ta' din il-vertenza huwa jekk kienx hemm vjolenza morali da parti tal-konvenuti fir-rigward ta' Paola Refalo, iżda madanakollu din il-Qorti tħoss li dan il-fatt m'għandux jgħaddi inosservat.

"(viii) L-attrici ssostni li kien minħabba pressjoni da parti tal-konvenut li Paola Refalo, kuntrarjament għal dak li ftehmet mal-istess attrici fuq it-"telephone", ma ħallitilha xejn fit-testment: "*Darba waħda cemplitli u qaltli, 'Isma', ħaduni biex nagħmel testment u Ġużepp ma ħallieni nħallilek xejn…issa qal li se jħallilek xi ħaġa hu'. Għidtilha 'X'jiġifieri?' Qaltli*, '*Ma ħallieni nħallilek xejn, issa qal li sa jtik xi ħaġa hu'.*" Xehdet ukoll li meta kienet issaqsi lil Paola Refalo dwar kif għamlet it-testment hija kienet tgħidilha "*'Ma nafx, ma nafx' kienet tgħidli, 'għax*

*tkellem kollox hu, pero` se jagħtik xi ħaġa'. Dejjem hekk, jew inkella: 'Ma nafx għaliex ma ħallinix nitkellem, pero` se jagħtik xi ħaġa.'"* Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa inverosimili għall-aħħar dak li qed tgħid l-attrici, u cioe` li l-konvenut Joseph Refalo, li kien preżenti ma' Paola Refalo quddiem in-nutar ma ħalliex lill-istess testatrici tiftaħ ħalqha u anzi tkellem biss hu. Il-prezenza ta' Nutar bhala ufficjal pubbliku timmilita konta l-possibbilita` ta' agir simili min-naha ta' xi parti interessata. Issir fil-fatt referenza għax-xhieda tan-Nutar Refalo u senjatament għal dik il-parti fejn igħid: "*Il-każ partikolari ma niftakrux, pero` neskludi bl-iżjed mod assolut illi kien hemm xi ħaġa illi kienet tidher illi kienet qed tagħmel testment taħt xi forma ta'* "*coersion*"*, xi forma ta' pressjoni, għax kieku ma kontx nagħmel it-testment*." Is-segretarja wkoll ikkonfermat li ma rat xejn stramb fl-imġieba tat-testatrici. Din il-Qorti lanqas ma taqbel ma' dak li tissottometti l-attrici fir-rikors tal-appell tagħha, u cioe` li l-fatt li l-konvenut u martu kienu preżenti ma' Paola Refalo waqt li kien qed isir it-testment quddiem in-nutar huwa indikazzjoni ta' *mala fede* da parti tagħhom. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu spjega li kienet fuq insistenza tal-istess testatrici li huma daħlu magħha għand in-nutar. Inoltre, jidher li din mhix xi ħaġa straordinarja għaliex meta n-nutar ġie mistoqsi in kontro-eżami jekk jistax ikun li l-konjuġi Refalo kienu preżenti waqt li kien qed isir it-testment, huwa rrisponda fl-affermattiv. Għalkemm wieħed jista' jargumenta li dan il-fatt jista' jistona xi ftit, ma jsegwix li fih innifsu ifisser li kien hemm *mala fede* da parti tal-konvenuti.

"(ix) L-attrici fir-rikors tal-appell tagħha ssostni illi l-konvenuti ma baqgħux jieħdu ħsieb Paola Refalo wara li biddlet it-testment. Hija tirreferi għax-xhieda tagħha fejn kienet qalet li Paola Refalo kienet iccemplilha ħafna drabi bil-lejl u tibki li ħadd mill-konvenuti ma kien qed imur jorqod magħha. Xehdet li kienet tgħidilha "*M'hawn ħadd jorqod miegħi, m'hawn ħadd jorqod miegħi, x'bicca għamilt b'idejja! x' bicca għamilt b'idejja!…*"

"Għandu jingħad illi jekk it-testatur, wara li jkun għamel testment jiddispjacih, dan ma jfissirx bilfors li meta kien għamel it-testment huwa kien vjolentat, jew li l-volonta`

tiegħu kienet b'xi mod alterata. Jekk testatur jiddispjacih, dan għandu r-rimedju li jagħmel testment ieħor u jekk testment ieħor jibqa' ma jagħmilx, il-volonta` libera tiegħu fil-ħin li għamel it-testment ma setgħetx tiġi mħassra jew vizzjata b'resipixxenzi li setgħu ġraw wara.[12] Fi kwalunkwe każ pero`, il-verzjoni tal-konvenuti hija differenti għall-aħħar minn dak tal-attrici: Frances Refalo spjegat li meta Paola bdiet tmur lura minn saħħitha hija kienet taħsilha u anke taħslilha l-ħwejjeġ u ġieli ħaduha l-knisja u anke ħarġuha xi dawra bil-karozza. Xehdet ukoll li qatt ma kienet tkun trid li jorqdu magħha. Kien imbagħad żmien wara, wara li waqgħet u ħaduha l-isptar, li hi u żewġha kienu joqgħodu magħha lejl u nhar meta hija reġgħet irritornat lejn darha. Spjegat li kienet torqod magħha: "*Konna norqdu ġo l-istess kamra u żewġi kien jorqod fuq. Hi kienet torqod biss sagħtejn fil-għodu mill-għaxra sa nofsinhar. Hi qatt ma riedet tiġi toqgħod id-dar magħna. Kienu jiġu jgħinuna t-tfal tagħna. Żewġi kien jgħini fil-għodu kmieni biex inqandilha u naħsilha u Roanna wara x-xogħol kienet tibqa' ġejja d-dar ta' Pawla biex tgħinni nqandilha għax waħdi ma kontx niflah nagħmilha. It-tfal l-oħra kienu jgħinuni x'ħin ma kinux ikunu xogħol. Id-dar tiegħi ma kontx għadni mmur u kollox kont niżżilt fid-dar ta' Pawla. Ma kienx fadlilha saħħa aktar f'ġisimha u platt ma kinitx iżżommu f'idejha u lanqas kienet għadha kapaci titma' lilha nnifisha.*" Din ix-xhieda hija kkorroborata minn dik ta' żewġha Joseph, u wliedha Roanna, Miriam, Evelyn, u Sharon.

"Din il-Qorti in vista ta' dawn il-provi miġbura tinsab konvinta li l-konvenuti ma eżercitaw l-ebda vjolenza morali fuq Paola Refalo sabiex hija tibdel it-testment favur tagħhom. Jirriżulta sempliciment li Paola Refalo minkejja l-ħbiberija ta' ħafna snin li kellha ma' oħtha l-attrici rat li issa iktar kienet qed issib lill-familja ta' ħuha Joseph għall-bżonnijiet ta' kuljum tagħha peress li huma joqgħodu Għawdex bħalha, u għalhekk ħasset li kellha tikteb kollox lilhom u mhux lill-attrici. Jekk ir-raġuni għaliex il-konvenuti bdew iżiegħlu u jduru b'Paola Refalo kien propju sabiex hija tiktibhom fil-wirt xorta wahda ma jfissirx li kien hemm

[12] **Vincent Cachia v. Carmelo Cachia et**, Appell Civili, 15.02.1957

il-vjolenza morali li jivvizzja l-kunsens. Dak li jikkoncerna lil din il-Qorti għall-finijiet ta' dan l-appell hu jekk l-appellati ġiegħluhiex tagħmel it-testment tal-11 ta' Mejju 1999 kontra l-volonta` tagħha, u wara li fliet il-provi kollha miġbura din il-Qorti hi tal-fehma b'dan ma kienx il-kaz. Fi kliem iehor, l-attrici ma rnexxilhiex tipprova li Paola Refalo soffriet xi pressjoni indebita mingħand il-konvenuti sabiex tagħmel it-testment impunjat.

"Għal dawn ir-raġunijiet tiddeciedi billi tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata u tiċħad l-appell interpost mill-attrici. Tikkundanna lill-istess attrici tħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi."

B'rikors tat-28 ta' Mejju, 2010, l-attrici Victoria Xuereb qed titlob ir-ritrattazzjoni ta' din il-kawza a bazi tal-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) peress li, skont hi, kien hemm "applikazzjoni tal-ligi l-hazina". Fi kliemha;

*"Il-bazi tat-talba hija l-premessa u l-assunzjoni bir-rispett erronea kemm tal-ewwel Qorti kif ukoll tal-Qorti tal-Appell illi z-zewg premessi illi t-testment ma jiswiex ghaliex it-testatrici kienet imgieghlha u l-premessa l-ohra li t-testatrici li ma kellhiex il-pussess u l-fakoltajiet mentali u ghalhekk null huma inkompatibbli u ma joqoghdux flimkien; il-principju li messu fil-fehma tal-esponent gie applikat illi l-premessi alternativament jistghu joqoghdu ghaliex wahda ma teskludiex, jew mhux necessarjament teskludi lill-ohra, u messhom ghalhekk gew kunsidrati; dan in-nuqqas jikkostitwixxi l-applikazzjoni ta' principju zbaljat jew hazin."*

Il-Kontro-parti ma jaqblux ma' din is-sottomissjoni u jissottomettu li dan l-argument ma jwassalx ghall-applikazzjoni hazina tal-ligi, izda ghal interpretazzjoni legali tal-bazi tal-azzjoni attrici.

Din il-Qorti tibda biex tghid li, skont il-ligi, meta r-raguni ghal ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, ir-ritrattand "ghandu" jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata. F'dan il-kaz, ma saritx tali indikazzjoni, u l-

gurisprudenza taghna tinsisti li jekk ir-ritrattand jonqos milli josserva dan id-dettam tal-ligi, it-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni ma tkunx tista' tigi milqugha peress li jkun jonqos element essenzjali biex it-talba tkun tista' tigi kkunsidrata – ara, per ezempju, **Dalli v. Sare`**, deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru, 1994, u **Borg v. Muscat**, deciza wkoll minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2001.

In-nuqqas tar-ritrattandi li tindika ligi li messha giet applikata, jikkonferma li, fil-verita`, ma kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi. Hu principju bazilari li t-talbiet u l-kawzali ma jistghux ikunu kontradittorji, u fil-fehma tal-Qorti, il-kawzali f'din il-kawza kienu kontradittorji, peress li ma tistax, f'nifs wiehed, tallega li t-testatrici kienet *sanis mentis* tant li setghet tigi "imgieghla" taghmel testment b'mod partikolari, u wkoll li l-istess testatrici ma kellhiex il-fakoltajiet mentali biex taghmel testment validu. Proprjament kienet l-ewwel Qorti li rrilevat din il-kontradizzjoni, u kull ma ghamlet din il-Qorti kien li rriferiet ghall-osservazzjoni f'dan is-sens li ghamlet l-ewwel Qorti u ghaddiet biex titratta l-meritu tal-kaz. F'kull kaz, li setghet ghamlet din il-Qorti kien li applikat il-principju ghall-kaz, u taqbel jew ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni, zgur li ma jistax jinghad li kien hemm applikazzjoni ta' ligi flok ohra. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Bonello v. Larchin**, deciza fil-15 ta' Dicembru, 1945;

*"Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi meta s-sentenza fuq punt ta' fatt kif stabbilit bis-sentenza impunjata ma tkunx konfromi mal-ligi, u meta l-kaz ma jkunx in riferenza ghall-interpretazzjoni ta' xi ligi li fuqha d-decizjoni giet espressament moghtija. Ghalhekk ma hemmx lok ta' ritrattazzjoni ghal dan il-motiv meta l-kwistjoni tkun wahda ta' interpretazzjoni li s-sentenza impunjata tkun tat lil-ligi. Id-dover tal-gudikant huwa mhux semplicement dak li japplika l-ligi, imma anke dak li jara, minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz, x'inhija l-probabbli intenzjoni tal-legislatur f'dawk ic-cirkostanzi, u li japplika l-ligi u jinterpretaha b'mod li jista' jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra biex l-applikazzjoni taghha ma tigix ingusta."*

Fl-aghar ipotesi, dak li setghet ghamlet il-Qorti kien li interpretat hazin il-ligi inkwistjoni; meta Qorti tinterpreta hazin d-dispozizzjonijiet tal-principji legali applikabbli, u in vista ta' dik l-interpretazzjoni tasal ghal certa konkluzjoni, ma jkunx hemm lok ghal ritrattazzjoni, ghax il-materja tirrizolvi ruha fi kritika tas-sentenza impunjata u mhux ta' ritrattazzjoni. Kritika ta' sentenza tista' ssir quddiem din il-Qorti wara sentenza minn Qorti inferjuri, izda l-procedura ta' ritrattazzjoni ma tistax tintuza ghat-tielet smiegh ta' kawza li ghaddiet in gudikat.
Jigi osservat ukoll li din il-Qorti ezaminat il-mertu tal-kaz kif imressaq quddiemha. L-attrici, kif inghad, resqet zewg aggravji kontra l-validita` tat-testment: inkapacita` mentali tat-testatrici u vjolenza morali fuq l-istess attrici. L-ewwel Qorti li ttrattat il-kaz, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, kienet sabet li ebda wahda minn dawn il-kawzali ma giet ippruvata. Fi stadju tal-appell, l-attrici appellanti ma semmiet xejn dwar l-allegata inkapacita` mentali tat-testatrici, izda insistiet li t-testatrici ghamlet it-testment waqt li kienet qed tagixxi taht vjolenza morali. Tant hu hekk, li r-ritrattandi fir-rikors tal-appell taghha kienet stqarret *"Illi l-aggravju tal-appellanti jikkonsisti fil-fatt illi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz…it-testment maghmul minn Paola Refalo kien fil-fatt vizzjat billi d-decujus ghamlet dan it-testment waqt li kienet qed tagixxi taht vjolenza morali u konsegwentement dan it-testment m'huwiex espressjoni tal-volonta` taghha."* Din il-Qorti, imbaghad, ezaminat il-provi u sabet li t-testment huwa fil-fatt espressjoni tal-volonta` tat-testatrici. Dan ifisser li nonostante l-kontradizzjoni inerenti fil-kawzali tal-attrici, din il-Qorti xorta wahda ezaminat il-meritu tal-aggravju li tressaq quddiemha u kkonfermat li l-attrici ma rnexilhiex tipprova li t-testatrici soffriet xi pressjoni indebita minghand il-konvenuti sabiex taghmel it-testment impunjat. Din il-Qorti ma dahlitx biex tirriezamina l-istat mentali tat-testatrici principalment mhux ghax il-kawzali kienu jikkontradixxu lil xulxin, izda ghax, kif kien jirrizulta *ictu oculi*, "dwar l-inkapacita` mentali allegata minnha fic-citazzjoni ma ssemmi xejn fir-rikors tal-appell taghha", u kif inhu risaput, ebda Qorti ma tista' tiehu konjizzjoni ta'

“ilment” li ma jkunx tressaq quddiemha mill-parti interessata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba ta’ Victoria Xuereb ghat-thassir tas-sentenza li tat din il-Qorti fit-2 ta’ Marzu, 2010, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tichad ukoll it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza, bl-ispejjez jithallsu mir-ritrattandi Victoria Xuereb.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------